

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni El Clásico – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 379 292

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 1966/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tagħti sentenza li permezz tagħha tintlaqa' r-reġistrazzjoni tat-trade mark internazzjonali fl-Unjoni Ewropea Nru 1 379 292 El Clásico (imħalta) fil-klassi 41 f'isem il-Liga Nacional de Fútbol Profesional;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2019 – Nutravita vs EUIPO – Pegaso (nutravita Healthy Mind, Body & Soul.)**

**(Kawża T-814/19)**

(2020/C 27/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nutravita Ltd (Maidenhead, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: H. Dhondt u J. Cassiman, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pegaso Srl (Negrar, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuż:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea nutravita Healthy Mind, Body & Soul tal-kuluri aħdar ċar u iswed – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 255 804.

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Settembru 2019-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 47 (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625
- Ksur tal-Artikolu 71(1)(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2019 – Olimp Laboratories vs EUIPO – OmniVision (Hydrovision)****(Kawża T-817/19)**

(2020/C 27/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrenti:* Olimp Laboratories sp. z o.o. (Dębica, il-Polonja) (rappreżentant: M. Kondrat, lawyer)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* OmniVision GmbH (Puchheim, il-Ġermanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Hydrovision – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 286 841*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 2371/2018-2**Talbiet***Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat il-kawża lura quddiem l-EUIPO biex jeżaminha mill-ġdid; jew;
- tbiddel id-deċiżjoni kkontestata;
- tillikwida l-ispejjeż favur ir-rikorrenti.